**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**
**Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali**

**Maġistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

**Illum,** 9 ta' Gunju, 2021

**Il-Pulizija**
**(Spettur Matthew Grech)**
**-vs-**
**Brieux Reungoat, detentur tal-karta tal-identita` Franċiża bin-numru 131156101024**

*Kumpilazzjoni Nru. 362/2021*

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat **Brieux Reungoat** u ċioe` talli:

Nhar id-9 ta' Ġunju, 2021, għall ħabta tas-seba u nofs ta' filgħodu (0730hrs) f' San Ġiljan, Malta:

1. Ġiegħel qattus mingħajr ċippa jsofri minn skumdita', tbatija u dwejjaq mingħajr bżonn hekk skond id-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti tal-ħarsien ta' l-annimali. **Artikoli 8(2) tal-Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe` wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-imputazzjoni migjuba fil-konfront

tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba w inghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u ghaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja w inkondizjonata tieghu, il-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessa.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li jinsab imputat bih l-imputat, tal-fedina penali netta tieghu, tal-ammissjoni ferm bikrija minn tieghu w tac-cirostanzi tal-kaz. Minkejja din l-ammissjoni l-Qorti izda tishaq li atti koddardi bhal dawn, fejn wiehed jaghmel is-sahha w arja ma annimal innokwu, ma ghandhomx posthom f'socjeta` civilizzata fejn wiehed jistenna li annimali jigu ndokrati u mhux mahqura. Il-mod kif wiehed jirrejagixxi mal-annimali hu mera w qies tangibbli tal-umanita`, moralita` w civilta` tieghu.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 8 u 45(1)(a) tal-Att dwar it-Trattament Xieraq tal-Annimali, Kapitolu 439 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah ghal multa ta' €2,500 li ghandha tithallas qabel mal-imputat ihalli Malta.

**Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**